MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 160/2008

**Bank of Valletta p.l.c**

**Vs**

**Van Oevelen Freddy**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-disgha (9) t'April 2008 permezz ta' liema talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' sebat elef, sitt mija u disghin Euro u tnejn u disghin Euro centezmu (€7,696.92) ekwivalenti ghall-tlett elef, tlett mija u erba' liri Maltin u disgha w ghoxrin cetezmu (LM3.304.29) bilanc ghad-debitu fil-'*Loan Account*' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. A1 sa A2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 2008 sad-data tal-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-konvenut permezz ta' skrittura privata datata fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' April 2004 (Dok. B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda, jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe Dok. 'B' partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Freddy Oevelen:

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u
(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopr'indikata, u /jew
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita ta' hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datat hamsa (5) ta' Settembru 2006 (Dok. C) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwlament kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bl-avviz in kwistjoni nhar it-tlettax (13) ta' Gunju 2008 permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol. 13).

Rat ukoll illi l-konvenut gie notifikat permezz ta' notifika li saret fl-Ghassa tal-Pulizija, B'Kara nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2006 u notifika ohra li saret fil-Kunsill Lokali ta' B'Kara (tergo fol.18).

Rat illi fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2008 l-konvenut gie imsejjah diversi drabi, izda baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti qieghda ghalhekk, tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sebat elef, sitt mija u disghin Euro u tnejn u disghin Euro centezmi (€7,696.92) ekwivalenti ghall-**

**tlett elef, tlett mija u erba' liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM3.304.29) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------